MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2278/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra.**

**Vs**

**Eric Schembri**

.

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), kwantu ghal Lm44.75 Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010850 rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment City's Gym, Valletta u, Lm6.71 Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghall-perjodu mis-6 ta' April 2002 sal-5 ta' April 2003.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jirrinunzja ghas-sorte stante hlas fil-mori tal-proceduri, b'dan li s-socjeta attrici zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jastjeni milli jqies il-meritu stante li dan huwa llum ezawrit,  jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali].

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------